15 ta’ Settembru 2014

Seduta Nru: 32 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 01 ta’ Settembru 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri u Charles Micallef St. John flimkien ma’ l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:** Il-Kunsillier Victor Rutter minħabba mpenn ta’ xogħol u J.M. Muscat minħabba mpenn ieħor.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-27 t’ Awwissu 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Numru 31 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Iċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni li għandha ssir korrezzjoni fil-minuti minħabba l-fatt li fil-laqgħa preċedenti kien ġie diskuss u approvat b’mozzjoni mressqa minnu ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-kuntrattur tal-knis (*SRF Cleaning Services*) kellu jaħsel bil-*power wash* is-segwenti toroq:

- Pjazza Meme' Scicluna
- Mill-Housing Estate sal-Waterfront Hotel – il-bankina tan-naħa tar-residenti
- Misraħ Turu Colombo
- Triq Edgar Bernard speċjalment fil-kantuniera ma' Triq Willie Arena
- Triq Guze Miceli.

Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**2. Materji Konnessi**

**2.1** Paġna nru: 2 para 5.1 – Iċ-*Chairman* informa li t-talba li kienet saret sabiex impjegata mill-Enemalta tiġi ssekondata mal-Kunsill Lokali ġiet approvata u ġie estiż b'xahar ieħor l-impjieg tas-Sinjura Marion Monaco.

**2.2** Iċ-*Chairman* qal li kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-lukandi *Bayview* u 115 The Strand dwar talba biex tiġi sponsorjata t-*Truss System* u d-dwal għall-kunċert li kien ser issir fid-29 t'Awwissu 2014. Huwa kompla jgħid, li l-entitajiet sopracitati xtaqu jgħinu lill-Kunsill pero' f'affarijiet li r-residenti kollha jkunu jistgħu jibbenifikaw.

**2.3** Paġna Nru: 2 – para 2.2– Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għall-*Environmental Warden (extra)* biex idur il-lokalita' darba fil-ġimgħa kienet intbagħtet iżda l-*Expression of Interest – Litter Bins* kienet ma ħarġitx biex jerġa' jiġi diskuss l-fatt jekk dawn għandhomx ikunu bl-għatu jew le.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li l-*litter bins* għandhom ikunu bl-*flap cover* u jinxtraw ukoll d-*doggy bins*. Iċ-*Chairman* qal, li s-Sur Michael Stivala kien lest li jisponsorja parti mill-ispiża tal-*litter bins*.

**2.4** Paġna Nru: 3 – para 3.4 – Iċ-*Chairman* qal l-ittra lil Dott Ruth Scott għan-nom tas-Sur Philip Myers kienet intbagħtet. Id-ditta *Savoy Gardens* ġiet ikkuntattjata dwar il-bankina u ġejna nfurmati li l-kuntrattur kien ser iqaxxar il-wiċċ tagħha biex ma tkunx tiżloq, it-talba għal żewġ *traffic calming measures* fi Triq Reid fil-parti ta' bejn Triq Luqa Briffa u Triq D'Argens kienet intbagħtet lit-*Transport Malta,* rigward il-bozza ta' mal-ħajt, il-kuntrattur tal-Kunsill kien ser jara tistax issir *central hanging* u dwar il-ġnien pubbliku l-Kunsill ġie nfurmat li ma kien sar ebda ftehim li dan ikun ġnien pubbliku.

**2.5** Iċ-*Chairman* qal li l-*MEPA* kienet infurmat dwar l-applikazzjoni ta' permess nru: PA 1596/14 biex isiru alterazzjonijiet fil-binja Vinto Store, Triq Turu Rizzo k/ma' Triq Sliema.

**2.6** Iċ-*Chairman* qal li l-ittri lil dawk ir-residenti li kienu qed jostakulaw bankini bi pjanti u oġġetti simili kienu intbagħtu u kellu anke laqgħa ma' wieħed minnhom.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel *site inspections* sabiex jikkjarifika jekk b'dawn l-ostakoli l-wisa' li jkun baqa' tal-bankina tkunx skont l-ispeċifikazzjonijiet u jekk le, nitolbu l-parir legali ta' l-Avukat.

**2.7** Paġna Nru: 5 para 8.1 – Il-lista tat-toroq ta' fejn għandhom isiru t-*traffic calming measures* kienet intbagħtet lit-*Transport Malta*.

**2.8** Paġna Nru: 3 para 3.1 – Il-Kunsill ġie nfurmat li kien qed isir it-tindif ta' l-i*storm water culverts* u kienu qed jittieħdu wkoll xi ritratti.

**2.9** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intbagħtet *e-mail* lill-*Authorised Officer* biex issir sorveljanza minn *environmental wardens* partikularment f'Misraħ Turu Colombo u dan minħabba ħruġ irregolari ta' skart.

**2.10** Iċ-*Chairman* qal li ressaq talba lill-Awtorita' tad-Djar sabiex tiġi approvata l-kostruzzjoni ta' ħajt fil-qasam tad-djar u dan minħabba l-fatt, li s-sitwazzjoni kienet saret deplorabbli fejn dan l-ispazju in kwestjoni qiegħed jintuża għal rimi illegali ta' kull tip ta' skart kif ukoll qed jintuża għall-bżonnijiet personali flimkien ma' atti oħra ndiċenti ta' xi nies u b'hekk hemm periklu sanitarju u ta' ordni pubbliku.

**2.11** Paġna Nru: 4 para 6.1 - ***Tender GLCT003/2014-Emergency Tender for Pavement & Kerbs*** – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa mal-kuntrattur kienet saret li matula ġew ikkjarifikati diversi fatturi. Il-Perit ġibed l-attenzjoni li fil-*B.O.Q*.b' diżvista ma ġiex inkluż il-qlugħ u r-rimi tar-radam pero' jiġi kopert bil-15% *contingency*. Il-kuntrattur qal li x-xogħlijiet ser jibdew f'nofs Settembru 2014 u jispiċċaw bejn wieħed u ieħor fi żmien tlett ġimgħat. Kif il-Kunsill ikun infurmat bid-data, għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ippreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-01 ta' Settembru 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** Il-Kunsill ma qabilx mat-talba li tressqet mid-ditta *Corporate Gifts Malta* biex titwaħħal tabella nformattiva taħt *traffic sign* tal-Kunsill.

**3.2** Tressqet kwotazzjoni mibgħuta mill-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* għall-ammont ta' €15,762.50 sabiex isir *patching* bil-*hot asphalt* fit-Toroq Belvedere u Gżira.

Il-Viċi-Sindku qal li meta kien kellem lill-kuntrattur, dan ta' l-aħħar kien issuġġerixxa li minflok isiru ħafna irqajja tingħata kisja ta' *asphalt* mat-triq kollha li xorta huwa *patching,* iżda x-xogħol ikun aħjar u aktar uniformi.

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Perit biex jigwidah dwar jekk ikunx hemm bżonn xi xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.3** Iċ-*Chairman* informa li dakinhar stess fil-11.30 a.m. kien attenda għall-ftuħ uffiċjali ta' '*Il-Qawsalla Smart Kids Child Care Centre'* fl-iskola Primarja Gżira. Huwa qal li l-post huwa sabiħ u l-attendenza kienet inkoraġġjanti.

**3.4** Tressqet kwotazzjoni mid-ditta *JBC Ltd* dwar *spare parts* li hemm bżonn biex issir manutenzjoni fuq *playing field equipment* li hemm fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa liema kwotazzjoni kienet tammonta għal €407.45. Minħabba l-fatt li dawn l-i*spare parts* iridu jiġu minn barra, l-ammont tas-*sea freight* huwa ta' €465, għalhekk it-total ikun €872.45 u jieħu madwar sittin ġurnata biex jaslu filwaqt li *air freight* huwa €1,100.00 u t-total ikun €1,507.45 u jaslu fiż-żmien ħames jew sebgħat ijiem.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li ċ-*Chairman* għandu jikkuntattja lid-Dipartiment konċernat biex jara kif baqgħet is-sitwazzjoni tal-proġett tal-*Yacht Marina* li fih kellu jiġi ntegrat il-Ġnien biex jekk ikun possibbli l-manutenzjoni ssir minnhom.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li jekk ir-risposta tkun fin-negattiv, din il-manutenzjoni ssir mill-fondi tar-Reġjun.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.5** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sinjura Maria Hilda Magro li toqgħod 178 Triq il-Flotta fejn kienet qed titlob lill-Kunsill biex titranġa l-bankina b'tali mod li l-vetturi ma jkunux jistgħu jipparkjaw fuqa u b'hekk jiġi evitat li hi tkun tista tidħol u toħroġ minn darha mingħajr xkiel, ma jkunx hemm periklu għall-*pedestrians* u ma jitkisrux il-kaptelli tad-drenaġġ.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku għandu jagħmel *site inspection* u jirreferi lill-Kunsill.

**3.6** Il-Kunsill ġie nfurmat li qed tiġi organizzat Laqgħa Plenarja mill-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali nhar is-Sibt 18 t'Ottubru 2014 u Laqgħa għas-Sindki u l-Viċi-Sindki nhar il-Ġimgħa u s-Sibt 7 u 8 ta' Novembru 2014 li ser issir Għawdex.

**3.7** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ronald Cilia li joqgħod fil-viċinanzi ta' Pjazza Meme' Scicluna fejn kien qed jissuġġerixxi fost affarijiet oħra li titnaqqas il-wesgħa tal-bankina fil-Pjazza sopracitata biex b'hekk jonħoloq aktar spazju għall-parkeġġ tal-vetturi.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li dan ma setax isir minħabba l-fatt li meta din il-Pjazza kienet ġiet *embellished* mill-Kunsill, il-MEPA ma kienitx approvat tnaqqis mill-bankini minħabba il-karatteristika tal-Pjazza.

**3.8** Inqrat ittra mibgħuta mill-Avukat Jose' A. Herrera għan-nom ta' Vito Tripi u Monica Caratelli li huma nteressati li jakkwistaw gabbana jew *kiosk* fil-lokalita' tal-Gżira, ta' Xbiex jew il-Belt u għalhekk xtaqu direzzjoni mill-Awtorita' konċernanti dwar permessi jew liċenzji u l-ispejjeż ta' l-istess.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill mhux l-Awtorita' kompetenti.

**3.9** Iċ-*Chairman* qara korrispondenza li ntbagħtet mis-Sur Leslie Richardson f'isem sħabu s-Sur Dunstan Attard u s-Sur Tony Cassar Darrian dwar il-possibilita' li l-*Orpheum Theatre* jiġi restawrat u li fl-aħħar tas-sena l-oħra kien ġie kkonfermat li seta' jkun hemm il-possibilita' li ssir applikazzjoni għal *EU funds* biex dan it-teatru jiġi restawrat.

L-ittra kompliet tgħid li bħala l-moventi ta' din l-inizjattiva kienu qedgħin jitolbu l-appoġġ tas-soċjetajiet lokali fosthom il-Kunsill Lokali biex b'hekk kollha flimkien jkunu jistgħu javviċinaw lill-entitajiet relevanti sabiex dan it-teatru jiġi restawrat u utilizzat għall-attivitajiet kulturali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John li ma jsib ebda oġġezzjoni u jagħti l-appoġġ kollu meħtieġ għal din l-inizjattiva.

**3.10** Rigward ittra li ntbagħtet mis-Sur Carmelo Chetcuti sabiex jitneħħa l-*breakwater* li hemm quddiem l-*Orpheum Theatre* bejn it-Toroq Stuart u Cameron.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikkuntattja lit-*Transport Malta* biex tigwida jekk il-breakwater huwiex legali jew le.

**3.11** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* u *site plan* mibgħuta mis-Sur Pierre Poulton li kien ser jiġi nstallat *tower crane* fi Triq Ponsonby

**3.12** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John telaq minħabba mpenn ieħor.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/31 minn numru 1382 sa 1414 (*appendix* nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Affarijiet Oħra

**5.1** Iċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien inħatar *Chairman* ġdid fil-KNPD, S-Sur Oliver Scicluna. Qal ukoll li huwa ta' l-opinjoni li l-Kunsill għandu jistiednu għall-laqgħa ta' ntroduzzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**5.2** Iċ-*Chairman* qal li r-rampi li hemm fil-kantunieri tat-toroq *(slopes)* għandhom jitranġaw(slopes) biex ikun aktar faċli għal min jagħmel użu minnhom speċjalment persuni bi bżonnijiet speċjali.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li dan ta' l-aħħar għandu jiltaqa' mal-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* biex tingħata stima għal dan ix-xogħol.

**5.3** Matul id-diskussjoni li saret dwar il-*bus shelters*, il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa li din il-materja għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa tas-Sindki u Viċi-Sindki li ser issir f'Novembru 2014.

**5.4** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi ppubblikata t-*tender* tal-ġbir ta' l-iskart domestiku b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett sopracitat ġie deċiż li:

- l-ġbir għandu jsir fuq sitt ijiem – *optional* sebgħa
- l-ħin tal-ġbir jista' jsir filgħodu jew filgħaxija skont in-neċessita' tal-lokalita'
- ġbir ta' skart kummerċjali mhux permess

**5.5** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ it-*tender* tal-knis b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett sopracitat ġie deċiż li:

- n-numru tal-kenniesa għandu jkun sitta biex b'hekk il-lokalita' tkun milħuqa kollha
- It-tindif tat-toroq għandu jsir fuq sittijiem b'sitt kenniesa
- jsir *extra service* il-Ħadd, it-triq tal-Knisja u x-Xatt

**6. Laqgħa Oħra**

**6.1** Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 15 ta' Settembru 2014 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |